SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 1/K5/05

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 06/04/'05 190**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 06/04/'05 243**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 6 t'April 2005.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 pm.

1.03 Preżenti: Is-sebgħa membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Lindsay Debattista.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-1 t'April 2005. L-Aġenda kienet hekk:

1. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Sindku
2. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi - Sindku

1.2.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna, l-aktar anzjan, ippresieda l-laqgħa.

## 2. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Sindku

2.01 Iċ-Chairman Richard Scicluna fetaħ il-laqgħa u wara li ta merħba u rringrazzja lill-kunsilliera kollha u l-istaff tal-kooperazzjoni, iddikjara li l-Kunsillier Peter Bonello kiseb l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza

assoluta ta' Kunsillieri fl-Elezzjoni Lokali bħala l-Kunsillier li għandu jokkupa l-kariga ta' Sindku.

2.02 Il-Kunsillier Peter Bonello ddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Sindku.

2.03 Is-Sindku ħa l-presidenza tal-laqgħa. Hu rringrazzja lil dawk kollha preżenti u awgura il-ko-operazzjoni ta' kulħadd sabiex magħqudin flimkien il-Kunsill jibqa' jkun ta' suċċess għall-ġid tal-lokalita' kollha.

**3. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi – Sindku**

3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ddikjara li l-Kunsillier Karl Gouder kiseb it-tieni l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri fl-Elezzjoni Lokali bħala l-Kunsillier li għandu jokkupa l-kariga ta' Viċi - Sindku.

3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Viċi - Sindku.

**4. Materji Oħra**

4.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

4.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

4.03 Saret minuta silenzju bħala rispett għall-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II u għall ex-Kunsillier ta' Ħal Luqa Joe Penza.

4.04 B'riferenza għall-ħarġa ta' l-anzjani li ser issir il-Ħamis 7 t'April 2005 il-Kunsill ġie nfurmat li din ma tistax issir ir-Razzett tal-Ħbiberija minħabba li l-Kunsill ġie nfurmat verbalment li daħlilhom l-ilma fis-sala u għandhom xi ħsarat. Għaldaqstant ser issir l-Paradise Bay Hotel Resort.

4.05 Il-Kunsill ma oġġezzjonax.

4.06 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li ser jattendi għall-konferenza ġewwa Pariġi għas-spejjeż tal-Kunsill.

4.07 Il-Kunsill ma oġġezzjonax.

4.08 Inġibdet l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv biex l-ittri li jiġu ndirizzati lill-Kunsilliera ma jinfetħux.

4.09 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet riferenza għall-Proċeduri ta' l-1996 dwar il-Kunsilli Lokali (Uffiċċju) – K.L.P. 8/96 u ġibdet l-attenzjoni li l-posta kollha li tasal fl-uffiċċju tal-Kunsill tinfetaħ minbarra dik li tkun

posta personali u l-posta li tkun privata u konfidenzjali, iżda f'dan ta' l-aħħar tinfetaħ biss bil-permess tal-persuna li lilha tkun indirizzata.

4.10 Ġie deċiż li jintalab ruling mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex l-ittri indirizzati lill-Kunsilliera, li ma jkunux personali, ma jinfetħux minħabba raġunijiet li jistgħu jkunu personali.

4.11 Iċ-Chairman għarraf lill-Kunsill li l-ebda ordni ta' xogħol ma tista tingħata direttament jew verbali lill-kuntratturi tal-Kunsill iżda l-ordnijiet ta' xogħolijiet isiru skond il-proċeduri finanzjarji u bil-miktub.

4.12 Ġie deċiż unanimament li tibqa' tinżamm il-ġurnata tal-Ħamis għal-laqgħa tal-Kunsill u li fis-Sajf il-ħin ikun fil-5 p.m. iżda dan jinbidel skond l-esiġenzi.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |